MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Numru 346/2003

**Artikoli 221(1), 325 (b) u 383**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
**V**

**JOSEPH MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOSEPH MICALLEF** ta' erbgha w ghoxrin sena bin Anthony u Mary nee Cutajar, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Gunju 1978 u residenti 169, Triq Stefano Zerafa, Marsa, u detentur tal-karta tal-identita numru 329578M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Fit-tlieta w ghoxrin ta' April 2003 ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar fil-Marsa, hebb ghal Mario Cutajar u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond kif ccertifika Doctor Artemis Vlastarakon MD u Doctor M.J. Balzan MD;

b. Talli fit-tlettax ta' April 2003 ghall-habta tas-siegha ta' awara nofsinhar fil-Hamrun flimkien ma persuni ohra voluntarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe kisser vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAJ 394 liema hsara hija aktar minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Mario Cutajar mill-Hamrun;

c. Talli fl-erbatax ta' April 2003 voluntarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe haraq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAJ 394 liema hsara hija aktar minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' mario Cutajar mill-Hamrun.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li taghti l-piena tapplika l-provvediment tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta ta' Mario Cutajar u l-familjari tieghu.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni inkluz lil Professur Alfred Vella jikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti odjerni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-process verbal numru 753/2003 redatt mill-Magistrat Dottor Tonio Mizzi, c-certifikati esibiti bhala dokumenti CSH 1 u CSH 2, l-istatements tal-imputat markati bhala dokument CSH 3 u CSH 4, u l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn ta' Mejju 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja markat bhala dokument CSH.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuza u wara li wisset lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-erbatax ta' Mejju, 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif ammessi minnu.

Rat li l-imputat diga hallas d-danni kagjonati minnu fil-konfront ta' Mario Cutajar fl-ammont ta' hamsin lira maltin u li l-istess Mario Cutajar, kif ddikjara fis-seduta tal-erbatax ta' Mejju 2003, huwa sodisfatt bil-pagament ta' hamsin lira maltin bhala sehem l-imputat f'dan l-incident.

Semghet lil vittma Mario Cutajar jiddikjara li jirrinunzja ghal kull azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat una volta rcieva hamsin lira maltin minghand l-imputat. Illi mill-atti jirrizulta li fil-fatt Mario Cutajar thallas ghal pretenzjonijiet tieghu u li ghalhekk, stante din r-rinunzja, **il-Qorti tiddikjara li mhux ser tiehu konjizzjoni ta' din l-ewwel akkuza**.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkolabora bis-shih maghha tul l-proceduri kollha sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni.

Rat illi l-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti mmarkata bhala dokument MB 2 hija indellibbli minghajr ebda tebgha ta' reat irregistrata fuqha hlief ghal kontravenzjoni ta' portata zghira li sehhet f'Lulju 2000.

Rat illi r-reati in disamina gew solvuti fuq l-ammissjoni tal-imputati stess fil-mument meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu tat-tmintax ta' April 2003 markata bhala dokument CSH 3 esibita fl-atti.

Rat l-artikolu tal-ligi u cioe` l-artikolu 221(1), 325(b) u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss illi l-piena idonea hija dik ta' conditional discharge.

**Ghalhekk wara li rat l-artikolu tal-ligi fuq indikati, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat JOSEPH MICALLEF hati tat-tieni w t-tielet akkuza kif dedotta kontra tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan il-Qorti tobbliga lil imputat JOSEPH MICALLEF ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' mitt lira fin-nuqqas, li ma jimmolestax, ma jhedditx u ma jingurjax lil Mario Cutajar ai termini tal-artikou 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan il-Qorti qed taghmlu biex tipprotegi l-interessi ta' Mario Cutajar.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' din is-sentenza lil imputat li ddikjara li fehem t-tifsira taghha.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------